SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

27 ta' Ġunju 2013 *

"Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali — Direttiva 2008/52/KE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni"

Fil-Kawża C-492/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Giudice di pace di Mercato San Severino (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Settembru 2011, fil-proċedura

Ciro Di Donna

vs

Società imballaggi metallici Salerno srl (SIMSA),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič, President tal-Awla, E. Jarašiūnas, A. Ó Caoimh, C. Toader (Relatur) u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Varone, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u J.-S. Pilczer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Moro u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-11 ta' April 2013,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2008, dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 136, p. 3), tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2 Din it-talba ġiet imressqa fil-kuntest tal-kawża bejn C. Di Donna u Società imballaggi metallici Salerno (SIMSA) srl (iktar 'il quddiem "SIMSA") dwar il-kumpens għad-dannu kkawżat lill-vettura tiegħu u li fir-rigward tiegħu l-Giudice di pace di Mercato San Severino biħsiebu japplika l-proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja taħt id-dritt Taljan.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

3 Il-premessi 8 u 10 tad-Direttiva 2008/52 huma redatti kif ġej:

"(8) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għall-medjazzjoni f'disputi transkonfinali, iżda xejn m'għandu jimpedixxi lill-Istati Membri milli japplikaw dispożizzjonijiet bħal dawn għal proċessi ta' medjazzjoni interni wkoll.

[…]

(10) Din id-Direttiva għandha tapplika għal proċessi li permezz tagħhom żewġ partijiet jew aktar f'disputa transkonfinali jippruvaw bejniethom, fuq bażi volontarja, jilħqu ftehim amikevoli dwar ir-riżoluzzjoni tad-disputa tagħhom bl-assistenza ta' medjatur. Għandha tapplika f'materji ċivili u kummerċjali […]"

4 L-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-objettiv ta' din id-Direttiva huwa li tiffaċilita l-aċċess għar-riżoluzzjoni alternattiva ta' disputi u li tippromwovi r-riżoluzzjoni amikevoli ta' disputi billi tinkoraġġixxi l-użu ta' medjazzjoni u billi tiżgura relazzjoni bilanċjata bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ġudizzjarji."

5 L-Artikolu 3(a) ta' din id-direttiva jiddisponi li:

"[…] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

a) 'vittma' għandha tfisser persuna fiżika li tkun sofriet danni […] kawżati direttament minn atti jew ommissjonijiet li bi ksur tal-liġi [li jiksru l-liġi] kriminali ta' Stat Membru;

(a) 'Medjazzjoni' tfisser proċess strutturat, irrispettivament minn kif inhu msemmi jew minn kif issir proċeduri għal miżuri provviżorjinza għalih, li permezz tiegħu żewġ partijiet jew aktar f'disputa jippruvaw, bejniethom fuq bażi volontarja jilħqu ftehim dwar ir-riżoluzzjoni tad-disputa tagħhom bl-assistenza ta' medjatur. Dan il-proċess jista' jinbeda mill-partijiet jew jiġi suġġerit jew ordnat minn qorti jew ikun preskritt mil-liġi ta' Stat Membru.

[…]"

6 L-Artikolu 5(2) tal-istess direttiva jipprovdi li:

"Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li tagħmel l-użu tal-medjazzjoni obbligatorja jew suġġetta għal inċentivi jew sanzjonijiet, kemm jekk qabel kif ukoll jekk wara li jkunu bdew proċedimenti ġudizzjarji, sakemm tali liġi ma timpedixxix lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistema ġudizzjarja."

7 L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2008/52 huwa fformulat kif ġej:

"Billi l-medjazzjoni hija maħsuba li ssir b'mod li jirrispetta l-kunfidenzjalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor, la l-medjaturi u lanqas dawk involuti fl-amministrazzjoni tal-proċess ta' medjazzjoni m'għandhom ikunu mġegħlin jagħtu xhieda fi proċedimenti ġudizzjarji jew arbitraġġ ċivili u kummerċjali fir-rigward ta' informazzjoni li toħroġ minn, jew li jkollha rabta ma', proċess ta' medjazzjoni ħlief:

a) fejn dan ikun meħtieġ għal konsiderazzjonijiet prevalenti ta' politika pubblika ta' l-Istat Membru konċernat, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' l-aħjar interessi tat-tfal jew għall-prevenzjoni ta' dannu għall-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna; jew

b) fejn l-iżvelar tal-kontenut tal-ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni jew għall-infurzar ta' dak il-ftehim.

[…]"

Id-dritt Taljan

Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010

8 Id-Digriet Leġiżlattiv Nru 28, tal-4 ta' Marzu 2010, li jimplementa l-Artikolu 60 tal-Liġi Nru 69 tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar il-medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (GURI Nru 53, tal-5 ta' Marzu 2010, iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010"), ġie kkomunikat lill-Kummissjoni Ewropea bħala miżura nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/52.

9 L-Artikolu 5(1) ta' dan id-digriet jipprovdi li:

"Kull persuna li beħsiebha tiftaħ azzjoni ġudizzjarja li tirrigwarda tilwima dwar koproprjetà, drittijiet reali, diviżjoni, drittijiet ta' suċċessjoni, kuntratti tal-familja, kiri, self, kiri ta' kumpanniji, kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi u ta' dgħajjes, responsabbiltà medika u malafama mill-istampa jew b'mezzi oħra ta' reklamar, kuntratti ta' assigurazzjoni, kuntratti bankarji u finanzjarji, hija l-ewwel nett meħtieġa tirrikorri għall-proċedura ta' medjazzjoni taħt dan id-digriet […] Ir-rekwiżit tal-proċedura ta' medjazzjoni hija kundizzjoni għall-ammissibbiltà tat-talba. L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi mqajjma mill-konvenut, taħt piena ta' dekadenza, jew għandha titqajjem *ex officio* mill-qorti, mhux wara l-ewwel seduta. Fejn il-qorti ssib li diġà ngħata bidu għall-proċedura ta' medjazzjoni, iżda din ma ntemmitx, huwa għandu jistabbilixxi d-data tas-seduta li jmiss wara l-iskadenza tal-perijodu msemmi fl-Artikolu 6. Bl-istess mod, fil-każ fejn il-proċedura ta' medjazzjoni għadha ma nbdietx, huwa għandu jagħti lill-partijiet terminu ta' ħmistax-il jum għall-preżentata ta' talba għall-medjazzjoni."

10 L-Artikolu 6 ta' dan id-digriet huwa redatt kif ġej:

"1. It-tul tal-proċedura ta' medjazzjoni ma għandux jeċċedi erba' xhur.

[…]"

11 L-Artikolu 8 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010, kif emendat bil-Liġi Nru 148, tal-14 ta' Settembru 2011 (GURI Nru 216, tas-16 ta' Settembru 2011, p. 1), jirregola l-iżvolġiment tal-proċedura ta' medjazzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"1. Matul l-att ta' preżentazzjoni ta' talba għall-medjazzjoni, il-persuna responsabbli mill-korp jaħtar medjatur u jistabbilixxi l-ewwel laqgħa bejn il-partijiet fi żmien massimu ta' 15-il jum mill-preżentata tat-talba […]"

12 L-Artikolu 11 tad-Digriet Nru 28/2010 jiddisponi:

"1. Fejn ikun intlaħaq ftehim bonarju, il-medjatur għandu jfassal rapport li huwa mehmuż mat-test tal-ftehim innifsu. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, il-medjatur jista' jagħmel proposta għal konċiljazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-medjatur għandu jagħmel proposta għal konċiljazzjoni jekk il-partijiet jagħmlu talba konġunta, fi kwalunkwe waqt matul il-proċedura. Qabel ma jifformola l-proposta, il-medjatur għandu jinforma lill-partijiet bil-konsegwenzi possibbli previsti fl-Artikolu 13.

[…]

4. Fil-każ li l-konċiljazzjoni ma sseħħx, il-medjatur għandu jfassal rapport fejn jindika l-proposta; ir-rapport għandu jiġi ffirmat mill-partijiet u mill-medjatur, li jiċċertifika l-awtentiċità tal-firem tal-partijiet jew li l-iffirmar min-naħa tagħhom huwa impossibbli. Fl-istess rapport, il-medjatur għandu jindika n-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' waħda mill-partijiet fil-proċess ta' medjazzjoni."

13 L-Artikolu 13 ta' dan id-digriet, dwar l-ispejjeż tal-proċedura, jipprovdi:

"1. Meta d-digriet li jtemm il-proċeduri ġudizzjarji jikkorrispondi kompletament mal-kontenut tal-proposta, il-qorti għandha teskludi r-rimbors tal-ispejjeż sostnuti matul il-perijodu wara l-formulazzjoni tal-proposta mill-parti rebbieħa u li tkun irrifjutat il-proposta, u għandha tikkundannaha għall-ispejjeż sostnuti matul l-istess perijodu mill-parti telliefa, kif ukoll għall-ħlas favur it-Teżor tal-Istat ta' somma oħra ta' ammont ugwali għall-kontribuzzjoni unifikata dovuta. L-Artikoli 92 u 96 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili [Codice di procedura civile] għandhom jibqgħu applikabbli. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw ukoll għall-kumpens imħallas lill-medjatur u għall-ispejjeż tal-espert fis-sens tal-Artikolu 8(4).

2. Meta d-digriet li jtemm il-proċeduri ġudizzjarji ma jikkorrispondix kompletament mal-kontenut tal-proposta, il-qorti madankollu tista', fil-preżenza ta' raġunijiet gravi u eċċezzjonali, teskludi l-irkupru tal-ispejjeż sostnuti mill-parti rebbieħa fir-rigward tal-kumpens imħallas lill-medjatur u tal-ispejjeż tal-espert fis-sens tal-Artikolu 8(4)."

Id-Digriet Ministerjali Nru 180/2010

14 B'regolament, il-Gvern Taljan adotta d-Digriet Ministerjali Nru 180, tat-18 ta' Ottubru 2010, kif emendat bid-Digriet Ministerjali Nru 145, tas-6 ta' Lulju 2011 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali Nru 180/2010"). Għall-finijiet ta' din il-kawża, l-Artikolu 16 tad-Digriet Ministerjali Nru 180/2010 jiddisponi:

"1. Il-kumpens jinkludi l-ispejjeż għall-ftuħ tal-proċedura u l-ispejjeż ta' medjazzjoni.

2. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż għall-ftuħ, inklużi fil-kumpens globali, kull parti hija meħtieġa tħallas ammont ta' EUR 40 li għandu jitħallas fil-mument tal-preżentata tat-talba għall-medjazzjoni u mill-persuna msejħa għall-medjazzjoni fil-mument li hija tiġi inkluża fil-proċedura.

3. F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż ta' medjazzjoni, kull parti hija meħtieġa tħallas l-ammont indikat fit-Tabella A annessa ma' dan id-digriet.

4. L-ammont massimu tal-ispejjeż ta' medjazzjoni għal kull kategorija ta' referenza, hekk kif stabbiliti fit-Tabella A:

a) jista' tiżdied b'massimu ta' parti minn ħamsa, fid-dawl tal-importanza partikolari, tal-kumplessità jew tad-diffikultà tal-kawża;

b) għandu jiżdied b'massimu ta' kwart fil-każ ta' suċċess fil-medjazzjoni;

c) għandu jiżdied b'massimu ta' parti minn ħamsa fil-każ tal-ifformular tal-proposta fis-sens tal-Artikolu 11 tad-Digriet Leġiżlattiv [Nru 28/2010];

d) fl-oqsma previsti fl-Artikolu 5(1) tad-Digriet Leġiżlattiv [Nru 28/2010], għandu jitnaqqas b'terz fil-każ tal-ewwel sitt kategoriji ta' referenza, u bin-nofs għall-oħrajn, bla ħsara għat-tnaqqis previst fis-subparagrafu (e) ta' dan il-paragrafu, u ma għandu jkun hemm ebda żieda oħra fost dawk previsti f'dan l-artikolu ħlief għal dak previst fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu;

e) għandu jitnaqqas għas-somma ta' EUR 40 għall-ewwel kategorija ta' referenza u għal EUR 50 għall-kategoriji ta' referenza kollha l-oħra, irrispettivament mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (c) ta' dan il-paragrafu meta l-ebda parti oħra barra minn dik li ppreżentat it-talba għall-medjazzjoni ma pparteċipat fil-proċedura.

[…]

14. Jistgħu jsiru eċċezzjonijiet għall-ammonti minimu ta' kumpens għal kull kategorija ta' referenza, kif iffissat fit-Tabella A annessa ma dan id-digriet."

15 It-Tabella A, imsemmija fl-Artikolu 16(4) tad-Digriet Ministerjali Nru 180/2010, hija kif ġej:

Valur tat-tilwima	Spejjez (għal kull parti)
Sa EUR 1 000	EUR 65
Minn EUR 1 001 sa EUR 5 000	EUR 130
Minn EUR 5 001 sa EUR 10 000	EUR 240
Minn EUR 10 001 sa EUR 25 000	EUR 360
Minn EUR 25 001 sa EUR 50 000	EUR 600
Minn EUR 50 001 sa EUR 250 000	EUR 1 000
Minn EUR 250 001 sa EUR 500 000	EUR 2 000
Minn EUR 500 001 sa EUR 2 500 000	EUR 3 800
Minn EUR 2 500 001 sa EUR 5 000 000	EUR 5 200
Iktar minn EUR 5 000 000	EUR 9 200

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 C. Di Donna ta bidu għal kawża kontra SIMSA sabiex din tiġi kkundannata għat-tiswija tal-ħsara lill-vettura tiegħu permezz ta' forklifter li jappartjeni lil din il-kumpannija. Hekk kif jirriżulta mill-proċess, SIMSA ma kkontestatx il-fatti, iżda talbet il-posponiment tal-ewwel seduta sabiex tintima

l-kumpannija ta' assigurazzjoni tagħha fil-kawża inkwistjoni billi għandha polza tal-assigurazzjoni maħruġa minnha li tkopri r-responsabbiltà delittwali tagħha. F'dan ir-rigward, hija madankollu sostniet, li kien xieraq li qabel ma l-kumpannija ta' assigurazzjoni tiġi msejħa fil-kawża, it-tilwima tiġi sottomessa għal proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja kif prevista mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010.

17 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li dan id-digriet huwa applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali sa fejn ir-rapport kuntrattwali eżistenti bejn SIMSA u l-kumpannija ta' assigurazzjoni li hija msejħa sabiex tintervjeni jaqa' fil-qasam tal-assigurazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-proċedura ta' medjazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 5(1) ta' dan id-digriet, hija obbligatorja sabiex ir-rikors ikun ammissibbli. Madankollu, il-Giudice di pace di Mercato San Severino ma huwiex ċert jekk għall-finijiet tal-iffissar tad-data tas-seduta li jmiss, huwiex meħtieġ li jitqies it-terminu ta' 45 jum sabiex jidher fil-kawża li huwa previst għas-sejħa għall-intervent jew ukoll, jekk huwiex meħtieġ dak ta' erba' xhur mitlub għall-iżvolġiment tal-proċedura ta' medjazzjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju għandha l-istess dubju bħal SIMSA dwar il-kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010 mad-dritt tal-Unjoni.

18 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Giudice di pace di Mercato San Severino ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"L-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea […], id-Direttiva 2008/52[…], il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, u b'mod ġenerali, id-dritt tal-Unjoni kollu kemm hu, jipprekludu li tiġi introdotta, f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, leġiżlazzjoni, bħad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010 u d-Digriet Ministerjali Nru 180/2010, […] li abbażi tagħha:

1) il-qorti tista' tiddeduċi, fil-kuntest tal-kawża sussegwenti, provi kontra l-parti li naqset milli tattendi, mingħajr ġustifikazzjoni, għal proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja;

2) il-qorti għandha teskludi r-rimbors tal-ispejjeż sostnuti, mill-parti rebbieħa li tkun irrifjutat proposta għal konċiljazzjoni, wara li tkun saret din tal-aħħar, u għandha tikkundannaha għar-rimbors tal-ispejjeż sostnuti matul dan l-istess perijodu mill-parti telliefa, kif ukoll għall-ħlas favur it-Teżor tal-Istat ta' somma oħra ta' ammont ugwali għal dawk diġà mħallsa bħala taxxa dovuta (kontribuzzjoni unifikata), jekk is-sentenza mogħtija fi tmiem il-kawża mressqa wara l-formulazzjoni tal-proposta rrifjutata tikkorrispondi kompletament mal-kontenut ta' din il-proposta;

3) il-qorti, għal raġunijiet gravi u eċċezzjonali, tista' teskludi r-rimbors tas-somom sostnuti mill-parti rebbieħa fir-rigward tal-kumpens imħallas lill- medjatur u tal-ispjjeż ta' espert, anki meta s-sentenza mogħtija fi tmiem il-kawża ma tikkorrispondix kompletament mal-kontenut tal-proposta;

4) il-qorti għandha tikkundanna lill-parti li ma pparteċipatx fil-proċedura ta' medjazzjoni mingħajr ġustifikazzjoni tħallas lit-Teżor tal-Istat somma li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni unifikata dovuta fir-rigward tal-proċeduri;

5) il-medjatur jista', jew anki għandu, jifformula proposta ta' konċiljazzjoni anki mingħajr il-qbil tal-partijiet u anki f'każ ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċeduri;

6) it-terminu li fih għandu jintemm it-tentattiv ta' medjazzjoni jista' jkun ta' erba' xhur;

7) anki wara l-iskadenza tat-terminu ta' erba' xhur mill-bidu tal-proċedura, kawża tista' titressaq biss wara li jinkiseb, mingħand is-segretarjat tal-korp ta' medjazzjoni, rapport li jistabbilixxi nuqqas ta' qbil, redatt mill-medjatur u li jindika l-proposta miċħuda;

8) ma huwiex eskluż li l-proċeduri ta' medjazzjoni jistgħu jimmultiplikaw – u b'hekk jiġu mmultiplikati t-termini sabiex jintmemu l-kawżi – bl-istess mod bħat-talbiet leġittimament imressqa fil-kuntest tal-proċeduri li sadanittant ikunu nbdew;

9) l-ispiża tal-proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja hija mill-inqas darbtejn ogħla minn dik tal-proċeduri ġudizzjarji li l-proċedura ta' medjazzjoni tipprova tevita u din id-differenza tiżdied b'mod esponenzjali hekk kif jiżdied il-valur tal-kwistjoni (b'mod li l-ispiża tal-medjazzjoni tista' tirriżulta sitt darbiet ogħla mill-ispiża ta' proċess ġudizzjarju) jew hekk kif tiżdied il-kumplessità tagħha (meta jkun neċessarju, f'dan l-aħħar każ, li jinħatar espert, imħallas mill-partijiet fil-proċedura, sabiex jassisti lill-medjatur fi kwistjonijiet li jirrikjedu ħiliet tekniċi speċifiċi, mingħajr ma r-rapport tal-espert jew l-informazzjoni li huwa jkun stabbilixxa jistgħu sussegwentement jintużaw fil-kuntest tal-proċeduri legali)?"

L-iżviluppi li seħħew wara l-introduzzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari

19 Insegwitu għal talba għal kjarifika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw in-neċessità ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għall-eżitu tal-kawża prinċipali, fir-risposta tagħha tad-9 ta' Marzu 2012, il-qorti tar-rinviju indikat li fil-każ ta' deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja li tindika l-inkompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, hija mhux ser tkun obbligata tissottometti l-kawża prinċipali għall-proċeduri ta' medjazzjoni, li jaffettwa l-kalkolu tat-termini għall-iffissar tas-seduta.

20 Permezz tas-sentenza Nru 272/2012, mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2012, il-Corte costituzionale ddikjarat l-antikostituzzjonalità ta' xi artikoli tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010, b'mod partikolari tal-Artikoli 5(1), 8(5), kif ukoll 13, ħlief fil-każ ta' dan tal-aħħar, għar-riferiment għall-Artikoli 92 u 96 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li madankollu huwa irrilevanti fil-kawża prinċipali.

21 B'mod partikolari jirriżulta minn din is-sentenza, li insegwitu għall-fatt li nstab li l-Artikolu 5(1) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010 huwa antikostituzzjonali, l-obbligu ta' proċedura ta' medjazzjoni minn qabel fl-Italja ma hijiex iktar kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-att promotur u l-partijiet ma għadhomx iktar meħtieġa li jagħmlu użu mill-proċedura ta' medjazzjoni.

22 B'ittra tal-14 ta' Diċembru 2012, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja talab lill-qorti tar-rinviju tindika l-konsegwenzi tas-sentenza Nru 272/2012, kemm fir-rigward tal-kawża quddiemha kif ukoll fuq ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

23 B'ittra tas-17 ta' Jannar 2013, din il-qorti qalet li ser iżżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha. Madankollu, hija ma ħaditx pożizzjoni dwar l-effett ta' din is-sentenza kemm f'dak li jirrigwarda d-deċiżjoni ta' intervent fil-kawża prinċipali kif ukoll dwar ir-rilevanza tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fuq ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari

24 Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. B'konsegwenza ta'

dan, meta d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tiddeċiedi (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1995, Bosman, C-415/93, Ġabra p. I-4921, punt 59; tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra, C-379/98, Ġabra p. I-2099, punt 38; u tad-9 ta' Diċembru 2010, Fluxys, C-241/09, Ġabra p. I-12773, punt 28).

25 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, hija għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tiġi adita mill-qorti nazzjonali bil-għan li tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess. Hija tista' tirrifjuta li tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi utilment għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi PreussenElektra, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39; tat-23 ta' April 2009, Rüffler, C-544/07, Ġabra p. I-3389, punt 38; tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak, C-314/08, Ġabra p. I-11049, punt 42; u tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 29).

26 Għalhekk, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, jirriżulta kemm mill-kliem u mill-iskema tal-Artikolu 267 TFUE li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tassumi li kawża hija effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħhom hija mistennija li tagħti deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza għal d-deċiżjoni preliminari (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2005, García Blanco, C-225/02, Ġabra p. I-523, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Madankollu, fil-kawża prinċipali, insegwitu għas-sentenza tal-Corte costituzionale tal-24 ta' Ottubru 2012, il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali ma hijiex iktar dik ikkunsidrata fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza Fluxys, iċċitata iktar 'il fuq, punt 32). Fil-fatt, din is-sentenza li tiddikjara nuqqas ta' konformità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010 mal-Kostituzzjoni għandha l-effett li tneħħi dawn id-dispożizzjonijiet mill-ordinament ġuridiku nazzjonali.

28 Għalkemm il-qorti tar-rinviju indikat fl-ittra tas-17 ta' Jannar 2013, li hija xtaqet iżżomm it-talba għal deċiżjoni preliminari tagħha, madankollu hija ma ppreċiżatx kif id-domandi preliminari tagħha baqgħu rilevanti għall-eżitu tal-kawża prinċipali.

29 Issa, hekk kif qieset l-Avukat Ġenerali fil-punti 20 u 23 tal-konklużjonijiet tagħha, id-disa' domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja issa għandhom natura ipotetika.

30 Fil-fatt, l-ewwel erba' domandi jikkonċernaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni li tippermetti lil qorti, minn naħa, l-użu ta' provi kontra l-parti li naqset milli tattendi, mingħajr ġustifikazzjoni, għal proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja u li tikkundannaha għall-ħlas favur it-Teżor tal-Istat ta' somma ta' ammont ugwali għall-kontribuzzjoni unifikata għall-ispejjeż (Artikolu 8(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 28/2010) u, min-naħa l-oħra, l-esklużjoni tar-rimbors tal-ispejjeż sostnuti mill-parti rebbieħa li rrifjutat l-proposta ta' konċiljazzjoni u tikkundannaha għall-ispejjeż tal-medjazzjoni (Artikolu 13 ta' dan id-digriet). Għalhekk, dawn id-domandi jirrigwardaw biss id-dispożizzjonijiet li ġew iddikjarati antikostituzzjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn id-domandi saru irrilevanti permezz tal-bidliet li seħħew f'dak li jirrigwarda l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kkontestati.

31 Fir-rigward tal-aħħar ħames domandi li jikkonċernaw l-iżvolġiment tal-proċedura ta' medjazzjoni, it-termini għall-implementazzjoni tagħha kif ukoll l-ispejjeż tagħha, għandu jingħad li hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 27 ta' din is-sentenza, l-ordinament ġuridiku nazzjonali li fi ħdanu għandha tiġi deċiża l-kawża prinċipali ma huwiex iktar dak deskritt mill-qorti nazzjonali fid-deċiżjoni tagħha tar-rinviju. Fil-fatt, billi ġiet ikkonstata n-natura antikostituzzjonali tal-Artikolu 5(1) tad-Digriet

Leġiżlattiv Nru 28/2010, il-partijiet ma għadhomx iktar meħtieġa jipparteċipaw fi proċedura ta' medjazzjoni. Konsegwentement, hekk kif spjegat mill-Avukat Ġenerali fil-punt 29 tal-konklużjonijiet tagħha, dawn id-domandi tilfu r-rilevanza tagħhom għall-finijiet tad-deċiżjoni ta' intervent fil-kawża prinċipali.

32 Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju f'dak li jirrigwarda l-liġi applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għadhiex iktar f'pożizzjoni li tiddeċiedi dwar id-domandi lilha magħmula (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Fluxys, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

Fuq l-ispejjeż

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ma għadx hemm lok li tingħata risposta għad-domandi preliminari magħmula mill-Giudice di pace di Mercato San Severino (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2011 fil-Kawża C-492/11.

Firem